# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Frar 2023**

**Rikors Nru. 1151/2019 GM**

**Angela sive Angele Scerri (208665M)**

**vs**

**L-avukat Dr Joseph M. Sammut (430083M)**
**u martu Sonia-Catherine Sammut (766261M)**

## PROVVEDIMENT

**Il-Qorti:**

**L-inċident in kwistjoni:**

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 hemm ivverbalizzat, hekk wara li Dr Phyllis Aquilina (patroċinatur tal-attriċi) ppreżentat affidavit tal-attriċi u ta' żewġha:

> "Dr Aquilina tinsisti biex qabel ma tagħlaq il-provi tagħha, isisru l-kontro-eżamijiet tal-attriċi u ta' żewġha.
>
> "Dr Camilleri (għall-konvenuti) toġġezzjona għat-talba biex l-ewwel isiru l-kontroeżamijiet tal-attriċi u ta' żewġha qabel ma jiġi ppreżentat l-affidavit u/jew ix-xhieda viva voce, u apparti minn hekk sabiex l-ewwel l-attriċi tiddikjara li l-provi tagħha huma magħluqa".

Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet tat-30 ta' Novembru 2022, l-attriċi ressqet dawn ir-raġunijiet in sostenn tat-talba tagħha:

(1) Skop tal-kontro-eżami, kif stabbilit mil-liġi stess huwa li (i) ix-xhud jiġi interrogat fuq il-fatti li jkun xehed fuqhom fl-eżami jew (ii) biex il-parti kuntrarja tattakka l-kredibilita` tax-xhud.[1] *Ergo*, l-parti li tkun ressqet lil dak ix-xhud "għandu jkollha l-jedd, wara li tisma' x-xhieda tiegħu in kontro-eżami, li żżid mal-provi diġa` mressqa minnha biex tipprova, jew tipprova aħjar, fatti li riedet tipprova b'dak ix-xhud. Dan jgħodd b'mod partikolari meta fil-kontro-eżami, ix-xhud ikun għamel dikjarazzjonijiet li jwaqqgħu l-kredibilita` tiegħu jew li jibdlu dak li jkun iddikjara in eżami." Dan id-dritt proċedurali huwa essenzjali biex jitħares id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq inkluż id-dritt (li hu wkoll obbligu) li titressaq l-aħjar prova.

(2) Huwa għalhekk li l-Art. 580(2) tal-proċedura jagħmel distinzjoni bejn il-kontro-eżami, li għandu jsir minnufih wara l-eżami, u domandi oħrajn li jmorru lil hinn mill-parametri tal-kontro-eżami, li jridu jsiru "fiż-żmien li jmiss".

(3) Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tistabbilixxi li l-eżami u l-kontro-eżami ma jistgħux jitwaqqfu mingħajr il-permess tal-Qorti, u ma jistgħux jerġgħu jinfetħu ħlief bil-permess tal-Qorti.

---

[1] Art. 580(1) Kap 12.

(4) Il-prattika li l-kontro-eżami jsir wara li l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu tippreġudikah serjament għaliex ma jkunx jista' jirribatti.

(5) Kemm l-isfera akkademika (il-Professur Caruana) kif ukoll il-Qrati (Azzopardi v Lindenblatt, Qorti tal-Appell) iddeploraw il-prassi msemmija.

Il-konvenuti wieġbu permezz ta' nota tad-29 ta' Diċembru 2022. Sostnew li:

(1) Fis-seduta tad-29 ta' Novembru l-attriċi talbet biss li qabel jagħlqu l-provi tagħhom tiġi kkontroeżaminata l-attriċi u mhux ix-xhieda kollha l-oħra, kif sussegwentement indikat fin-nota tagħha tat-30 ta' Novembru 2022.

(2) Instemgħu sitt xhieda tal-attriċi. Il-kontro-eżami tagħhom ġie riżervat mingħajr ebda oġġezzjoni mill-attriċi.

(3) Is-sentenza ċċitata mill-attriċi kellha fattispeċje differenti.

(4) Il-kontro-eżami huwa dritt tal-konvenuti u jeżerċitawh kif iridu huma. Ma jistgħux jiġu kostretti jibdew bil-kontro-eżami tal-attriċi, kif volut minnha fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022.

**Liġi applikabbli:**

It-test tal-liġi ma jgħidx espressament li l-kontro-eżami għandu jsir minnufih wara l-eżami. Art. 579 jgħid sempliċiment li "**l-parti kuntrarja tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud**" bla ma jgħid meta.

**Art. 580(2)** jgħid li:

> "**meta l-parti li tagħmel il-kontro-eżami tkun trid tipprova bl-istess xhud xi ċirkostanza li ma jkollhiex x'taqsam mal-fatti li fuqhom tkun ingħatat ix-xhieda fl-eżami, tista', kemm-il darba l-qorti, għal raġuni tajba, ma tordnax xort'oħra, iġġib dan ix-xhud <u>fiż-żmien li jmiss</u> u teżaminah bħala xhud tagħha".**

Din id-disposizzjoni timplika neċessarjament li l-kontro-eżami jsir fl-istadju li fih isir l-eżami, u mhux wara. Hekk fil-każ ta' xhud prodott mill-attur, il-kontro-eżami jrid isir żgur fl-istadju li fih l-attur ikun qiegħed iressaq il-provi tiegħu. Dan hu s-siwi tal-kliem *fiż-żmien li jmiss* u ċjoe` l-istadju li fih il-konvenut iressaq il-provi tiegħu – sintendi wara li l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu.

L-istess **Art.580(2)** jkompli jgħid hekk:

> "**u f'dak il-każ, il-qorti tista'… tordna lix-xhud li ma jitbiegħedx mill-qorti, biex jista' jiġi msejjaħ mill-ġdid u mistoqsi**"

– kliem li jippresupponi li s-smigħ tax-xhieda, kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut jinstemgħu f'seduta waħda. Ħaġa din ferm 'il bogħod mill-prattika tal-foro tagħna llum. L-istess kliem jimplika wkoll li x-xhud li jkun sarlu l-eżami, isirlu l-kontro-eżami **fl-istess udjenza**.

Il-**Professur Caruana Galizia**, fin-noti tiegħu għall-istudenti tal-liġi dwar il-proċedura ċivili, fil-parti intitolata *The order in which the witness is examined* jgħid hekk:

> The witness is first examined by the party producing him, on the termination of which he is cross-examined by the other party. The parties cannot interrupt one another without the court's permission. On the termination of the examination and of the cross-examination no further questions may be put to the witness without the court's permission. This is known as re-examination.[2]

L-Onorabbli **Qorti tal-Appell**, f'sentenza aktarx solitarja dwar l-istadju li fih għandu jsir il-kontro-eżami, għaddiet dan il-kumment:

> Jekk kien hemm xi nuqqas dan kien tal-konvenut li ma ħarrikx lill-attur għall-kontro-eżami minnufih… ma kellux għalfejn jistenna li l-attur jagħlaq il-provi kollha tiegħu qabel ma jagħmillu l-kontro-eżami – anzi, il-kontro-eżami għandu jsir minnufih wara li xhud jixhed, u mhux, bħal ma jidher li spiss saret prassi deplorevoli, jiġi 'riżervat'.[3]

L-imsemmija dispożizzjonijiet dwar eżami u kontro-eżami għadhom fl-istat verġni tagħhom kif kienu fil-verżjoni oriġinali tal-kodiċi ta' proċedura. Huma jiffurmaw parti integrali mis-sistema ta' kif jiġu sottomessi l-provi testimonjali introdotta fl-ordni ġuridiku tagħna mill-Imperu Brittaniku appena kkolonizza lil dawn il-gżejjer. Sistema Ingliża li ħadet post is-sistema tad-dritt komuni li kien hemm qabel.

Din is-sistema bdiet tiddaħħal fil-bidunett tal-ħakma Brittanika fuq Malta, fis-sena 1814, meta ġiet introdotta:

(1) Fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, li kienet tisma' kawżi li l-valur tagħhom ma jkunx iktar minn mitt skud, u li kienet mistennija tisma' l-kawża b'mod sommarju. Ebda eċċezzjoni bil-miktub ma kienet permessa. Kien mistenni li quddiem din il-Qorti l-kawża tinstama' u tinqata' f'qasir żmien jekk mhux f'jum wieħed:

---

[2] Paġna 1387.
[3] Av. Katya Azzopardi v Karl Wolfgang Lindenblatt 18.07.2014 Qorti tal-Appell.

> In the Second Hall the witnesses shall be examined, and cross examined *viva voce* by the parties, or their Counsel, upon which the Judge shall pronounce his sentence in open Court, and shall state his reasons for the same.[4]

(2) Fil-Qorti Kummerċjali:

> The witnesses (being sworn to speak the truth) shall be examined and cross-examined *viva voce* on the trial, by the parties, or their Counsel; after which, the Court shall be at liberty to ask them such questions as it may think proper.[5]

(3) Fil-Qorti Kriminali:

> The witnesses on the part of the prosecution shall be examined *viva voce* and in the presence of the prisoner, by the Advocate for the prosecution, and cross-examined by the prisoner's Counsel…
>
> When the evidence on the part of the prosecution is closed… the witnesses produced on his(the prisoner's) part shall be heard, and the witnesses produced on his part shall be examined, and cross-examined in like manner.[6]

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-proċediment baqa' bħal qabel, sakemm sentejn wara inbidel biex sar bħall-bqija tal-Qrati.[7] Dan billi wara li l-imħallfin bdew jidraw is-sistema l-ġdida, il-Gvernatur:

> Was persuaded, that no alteration that could be made in the practice of the Courts would prove more beneficial to the people than that of changing universally the mode of taking evidence, and of directing that it should be taken *viva voce* only, in the presence of the parties or their advocates, **and be liable to cross-examination <u>at the moment</u>.**[8]

Jidher ċar għalhekk li għalkemm il-frażi *at the moment* intużat biss fil-Proklama tal-1815, u la ntużat qabel u lanqas wara mil-leġislatur, l-intiża ċara kienet li l-kontro-eżami jsir minnufih wara l-eżami.

---

4 Constitution of the Civil Court 25.05.1814 para. 10.
5 Constitution of the Commercial Court 25.05.1814 para 23.
6 Constitution of the Criminal Court 25.05.1814 para 14 and 16.
7 Proclamation by Sir Thomas Maitland Valletta 26.12.1815 b'effett mill-1 ta' Jannar 1816.
8 Enfasi miżjuda mill-Qorti.

**Zuckerman** huwa tal-fehma li:

> Cross-examination follows the conclusion of evidence-in-chief. [9]

**Damaska** jiddeskrivi sewwa ż-żewġ sistemi:- dik tal-kontinent (is-sistema li kellha Malta sa minn żmien il-medjuevu) u dik Ingliża:

> Two designs for first-instance proceedings can be distinguished. In the one variant, which I shall call the "day-in-court" model or "trial"[10] strictly speaking, all material bearing on the case is preferably considered in a single block of time. In the other variant, proceedings develop through separate sessions at which material is gradually assembled in a piecemeal, or installment style".[11]

M'hemmx dubju għalhekk li s-sors tal-liġi tagħna f'materja ta' regoli probatorji, speċjalment dawk testimonjali, hija l-liġi Ngliża. Skont il-mudell Ingliż, il-proċediment huwa wieħed kontinwu u kkonċentrat. Hekk ukoll kien maħsub li jkun il-proċediment Malti fil-1815. B'danakollu, l-imħuħ legali Maltin kienu mdorrijiet bi proċediment imferrex u maqsum f'diversi seduti, separati minn xulxin b'ġimgħat jekk mhux ukoll xhur; u f'kull seduta ssir xi ħaġa – jekk issir – kemm dwar riżoluzzjoni ta' inċidenti ta' natura legali kif ukoll dwar it-tressiq tal-provi. Din id-drawwa forensi antika, li writna mir-reġim medjovali, konna nħaddmuha bħala parti mir-rit ta' Sqallija li kien ukoll parti mil-liġi ta' Malta sakemm ma kienx ikun hemm xi deroga espressa lokali. B'hekk inħolqot tensjoni kontinwa bejn dak li jitniżżel fuq il-karta tal-leġislazzjoni pożittiva tal-ħakkiema Ngliżi u dak li jiġri fil-prattika. L-ispirti l-antiki baqgħu jiġru fil-kuriduri u l-awli tal-Qrati.

---

[9] Zucherman on Australian Civil Procedure (2018) para. 22.101 paġna 878.

[10] Il-Kostituzzjoni tal-Qorti Kummerċjali tal-1815 issemmi l-kelma 'trial'.

[11] Mirjan R. Damaska, The Faces of Justice and State Authority – A Comparative Approach to the Legal Process (1986) paġna 51.

Il-**Professur Kevin Aquilina**, Dekan emeritu tal-Fakulta` tal-Liġi fl-Universita` ta' Malta, wara li jfakkar li Malta inħakment minn sensiela ta' forzi barranin, josserva li għalkemm kull musmar ġdid qala' lill-qadim, xorta waħda il-fdalijiet tal-imsiemer il-qodma qatt ma tnaddfu għal kollox:

> Although each time Malta was conquered by a foreign country and its concomitant legal system, that legal system tended to raise to the ground the previous one, certain remnants of previous foreign colonial systems still remain.[12]

L-Onorabbli Qorti tal-Appell, f'sentenza tal-1942, uriet b'mod limpidu t-tensjoni bejn iż-żewġ sistemi. Qalet li kienet għal xi żmien il-prattika forensi kienet li l-eċċezzjonijiet isiru wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu; għalhekk iddaħħlet is-sanzjoni tal-kontumaċja. Hekk kif iddaħħlet l-emenda, nibtet prattika oħra – dik li l-konvenut ma jressaq l-ebda provi fil-Prim'Istanza u mbagħad iressaqhom quddiem il-Qorti tal-Appell!:

> Illi l-liġi tagħna qabel l-emendi li kienu saru bl-Ord. XV tal-1913, kienet tippermetti lill-konvenut illi ma jkunx għamel l-ebda eċċezzjoni kontra t-talba tal-attur, li jisma' dik it-talba u l-provi li jġib l-attur, u mbagħad, meta l-attur jiddikjara li m'għandux provi iktar, li jifformola l-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-leġislatur fl-1913 bl-Ordinanza fuq imsemmija kien emenda l-liġi fis-sens illi, almenu jumejn qabel it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut għandu jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu. Dana kien sar fuq suġġeriment tar-Royal Commission tal-1912, għaliex dawk il-Kummissjonarji, imdorrijin bil-metodu Ingliż fejn il-każ imur lest quddiem l-imħallef, ma setgħux jifhmu kif tista' l-Qorti tiddirieġi tajjeb il-provi meta hija għadha ma tafx il-konvenut x'sejjer jeċċepixxi; barra minn dan, raw illi dak il-metodu kien qiegħed iġib ħafna protilazzjonijiet. Għal dan il-fini saret l-emenda fuq miġjuba,

[12] Kevin Aquilina, The Nature and Sources of the Maltese Mixed Legal System: A Strange Case of Dr Jekyll and Mr Hyde, Comparative Law Review, Vol. No. 4, Issue No 1, 1038, at pp. 31-38.

> fejn kien stabbilit illi l-konvenut kellu jkun kunsiderat bħala kontumaċi kemm-il darba huwa ma jagħmilx in-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, salva r-riżerva illi l-konvenut jista' jipprova li dak ma jkunx sar minħabba kawża ġusta;
>
> Ikkunsidrat;
>
> Illi anki bl-eżistenza ta' dik il-liġi ġie notat inkonvenjent ieħor, ċjoe', għalkemm il-konvenut ikun ta l-eċċezzjoni tiegħu skond il-liġi, iżda ħafna drabi ma kienx jidher, la huwa u lanqas id-difensur tiegħu, quddiem l-ewwel Qorti, u meta jkun hemm is-sentenza huwa jappella u jkun irid iġib il-provi quddiem il-Qorti tal-Appell, u allura l-kawża li kien imissha saret bil-provi kollha tal-partijiet quddiem l-ewwel Qorti, sostanzjalment tkun qiegħda ssir mill-ġdid quddiem din il-Qorti. Dana kien qiegħed iġib anki ċerta protilazzjoni fil-kawżi, oltre li kien jippriva lill-attur mill-vantaġġ ta' kontestazzjoni doppja; u għalhekk il-leġislatur bl-Ord. XXI tal-1934, introduċa novita' oħra fil-liġi tagħna, illi barra min-nota tal-eċċezzjonijiet il-konvenut (kif ukoll l-attur maċ-ċitazzjoni) għandu jippreżenta wkoll dikjarazzjoni, fejn jesponi l-fatti kollha kif ġraw u l-eċċezzjonijiet tiegħu *in extenso*, u jagħti nota tax-xhieda. Bl-Ordinanza XXVIII tal-1935, ġie anki stabbilit illi ebda xhud ma jista' jkun miġjub *"whose name shall not have been given in the said declaration"*.[13]

It-tilqima qatt ma tat il-frott mixtieq. Il-waqt li fih għandu jsir il-kontro-eżami huwa eżempju ieħor tat-tensjonijiet li ħolqot is-sovrappożizzjoni tal-liġi Ngliża fuq dik Maltija iktar antika.

Għall-prattikant Ingliż, huwa naturali li l-kontro-eżami jsir minnufih wara l-eżami (examination-in-chief), anke għaliex ix-xhieda tinstama' b'mod kontinwu jekk mhux ukoll fl-istess ġurnata. Għall-prattikant Malti, imdorri li l-kawża tinstama' bil-qatra l-qatra, dan ma hu naturali xejn tant li nibtet il-prattika tal-"kontro-eżami riżervat". Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa wieħed mill-ħafna fatturi li jwasslu għad-dewmien bla

[13] Carmela Aquilina v Carmelo Aquilina – 06.02.1942 – Qorti tal-Appell – Vol. XXXI.i.139.

bżonn tal-kawżi, u jneħħi ħafna mill-effettivita` tal-kontro-eżami. Xhud, speċjalment jekk ikun ukoll parti, ikollu kull opportunita` bejn l-eżami u l-kontro-eżami, li aktarx isir xhur wara, li matulhom ikollu l-opportunita` jistudja xhieda oħra li jkunu taw l-evidenza tagħhom, biex jipprepara għall-kontro-eżami.

Interessanti li f'sede Kriminali, jekk xhud ma jsirlux il-kontro-eżami waqt il-kors tal-kumpilazzjoni, ma jsirlux kontro-eżami f'dak l-istadju, u jmut, għalkemm din hija l-prattika, xorta waħda l-akkużat jagħmel dan a riskju tiegħu u x-xhieda tibqa' valida anke mingħajr kontro-eżami.[14]

**Applikazzjoni tal-liġi għall-fattispeċje:**

Applikata l-liġi għall-fattispeċje u għas-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan il-każ, din il-Qorti tikkunsidra li:

(1) Il-kontro-eżami għandu jsir minnufih wara l-eżami. Dan joħroġ kemm mit-test innifsu tal-liġi, mill-intenzjoni tal-leġiżlatur, mix-xorta ta' reġim proċesswali tagħna ta' tip tal-*common law* li jesiġi l-immedjatezza u l-konċentrazzjoni tal-provi, u mill-interpretazzjoni anke jekk ferm skarsa u xotta li ngħatat mid-dottrina u mill-ġurisprudenza tagħna.

(2) M'hemm ebda dritt ta' parti li tirriżerva li ma tagħlaqx il-provi qabel ma jsiru l-kontro-eżamijiet bl-iskop li tirribati dak li ma jkunx jogħġobha fix-xhieda in kontro-eżami. Għal dan, il-liġi tipprovdi r-rimedju tar-ri-eżami u xejn iżjed. Li kieku l-Qorti kellha taċċetta din il-propożizzjoni,

[14] Ir-Repubblika ta' Malta v Dionisio sive Dennis Micallef 13.01.1997 Appell Kriminali. LXXXI.iv.15.

parti ma tagħlaq il-provi tagħha qatt għax jekk wara kontro-eżami tressaq provi testimonjali biex tirribatti, u l-parti avversarja tagħmel kontro-eżami tax-xhud ulterjuri, tkun tista' terġa' titlob li tirribatti l-kontro-eżami tax-xhud ulterjuri u hekk tibqa' sejra l-istorja għall-eternita`.

(3) F'dan il-każ partikolari, il-kontro-eżamijiet ġew riżervati mill-konvenuti mingħajr ma saret ebda oġġezzjoni mill-attriċi jew mill-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti tiddisponi minn dan l-inċident billi:

(1) Tordna li fis-seduta li jmiss il-konvenuti jagħmlu l-kontro-eżamijiet kollha tax-xhieda tal-attriċi li jidhrilhom opportuni, u dan fl-ordni li jagħżlu huma.

(2) Mal-għeluq ta' dawn il-kontro-eżamijiet l-attriċi għandha tiddikjara xi provi għandha iktar, jekk għandha, purke` l-għan tagħhom ma jkunx biex tirribatti xi ħaġa li ma ddoqx għal widnejha fil-kontro-eżamijiet. Jekk l-attriċi tiddikjara li għandha xi provi oħra, tingħata udjenza waħda biss għal dan l-iskop.

Mogħti llum bil-miftuħ waqt l-udjenza.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA